**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1180/1992 AF**

**Teresa sive Tessie armla ta' Leonard Fenech, Lawrence u Perit Joseph ahwa Fenech**

**vs**

**Victor Fenech u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2014, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti jigu trasfuzi f'isem Mary mart Saviour Bezzina u dan stante l-mewt ta' Victor Fenech; u**

**Mary mart Salvinu Bezzina u l-istess Salvinu Bezzina bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni ta' martu**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni maħlufa ta' Teresa sive Tessie armla ta' Leonard Fenech, Lawrence u Perit Joseph aħwa Fenech, li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Fid-19 ta' Diċembru, 1970 miet Francis Fenech missier l-atturi u l-konvenuti Victor Fenech u Mary Bezzina u fit-8 ta'

Novembru, 1983 mietet Antonia mart l-istess Francis Fenech u omm l-atturi u l-konvenuti imsemmija.

Bit-testmenti taghhom l-imsemmi Francis Fenech halla bhala eredi tieghu lill-partijiet kontendenti Teresa, Lawrence, Perit Joseph, Victor u Mary Bezzina ahwa Fenech kwint indiviz kull wiehed.

Bit-testment taghha Dok. A, Antonia Fenech halliet il-legittima lill-atturi u lill-konvenuta Mary Bezzina, u bhala eredi lill-konvenut Victor Fenech.

L-atturi jixtiequ li jiehdu l-legittima spettanti lilhom skond il-ligi u ma jridux jibqghu jippossjedu in komuni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Ma ghandhiex tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti già ezistenti bejn Francis u Antonia Fenech billi tigi dikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.

2. Ma ghandhiex il-komunjoni hekk likwidata tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi partikolari tal-missier u l-ohra lill-assi partikolari tal-omm.

3. Ma ghandhux jigi likwidat l-assi partikolari tal-imsemmi Francis Fenech billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-akkwisti kif likwidata previa l-immissjoni fil-pusess tal-attur Perit Joseph Fenech tal-legat imholli lilu f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.

4. Ma ghandhux l-istess assi jigi diviz f'hames porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-atturi u l-konvenuti Victor Fenech u Mary Bezzina ahwa Fenech.

5. Ma ghandux jigi likwidat l-assi partikolari ta' Antonia Fenech fuq imsemmija billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni kif fuq likwidata u fil-beni li jirrizulta waqt il-kawza.

6. Ma ghandhiex previa l-immissjoni fil-pusess tal-attur Perit Joseph Fenech tal-legat imholli lilu tigi likwidata skond il-ligi u assenjata l-legittima dovuta lill-atturi u lill-konvenuta Mary Bezzina fuq il-wirt ta' Antonia Fenech.

7. Ma ghandhux il-bqija tal-wirt ta' Antonia Fenech wara li jigu segregati l-beni komprizi fil-legittima lill-persuni fuq imsemmija, tigi assenjata lill-konvenut Victor Fenech.

8. Ma ghandhomx jigu nominati periti ghall-likwidazzjonijiet mehtiega, nutar biex jippubblika l-att opportun, u kuraturi ghall-kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi maħlufa mill-attur Joseph Fenech li kkonferma illi:

Francis Fenech miet fid-19 ta' Dicembru 1970 u martu Antonia mietet fit-8 ta' Novembru 1983 (Dok. B u C).

Bit-testmenti tieghu il-missier halla eredi lil hames uliedu ahwa Fenech barra lil Tessie li halliet il-legittima però ftehmu li titqies bhala eredi, u l-omm bit-testment Dok. A halliet il-legittima lill-atturi u lill-konvenuta Mary Bezzina, u bhala eredi lill-konvenut Victor Fenech.

L-atturi ma jridux jibqghu jippossjedu in komuni u ghalhekk qed issir din il-kawza biex jiehdu l-legittima u jaqsmu l-beni komuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Victor Fenech u Mary Bezzina li permezz tagħha eċċepew illi:

L-ewwel erba' talbiet attrici saru inutilment ghax id-divizjoni tal-assi ereditarju tal-mejjet Francis Fenech, missier il-kontendenti, digà sehhet ghas-saldu tal-pretensjonijiet ta' kulhadd b'kuntratt notarili tat-22 ta' Dicembru 1980, fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella (Dok. A) u ghalhekk dawn l-erba'

talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Dwar id-divizjoni tal-wirt tal-mejta Antonia Fenech, il-konvenuti qatt ma kienu kontra li ssir id-divizjoni u li l-atturi jiehdu il-legittima, imma ma setax jintlahaq ftehim kif dana kellu jsir. Ghalhekk huwa jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ahhar erba talbiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa minn Victor Fenech u Mary Bezzina li bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw illi:

L-ewwel erba' talbiet fic-citazzjoni saru ghalxejn ghax id-divizjoni tal-assi ereditarju tal-mejjet missierhom Francis Fenech, digà saret bl-att notarili (Dok. A) fl-atti tan-nutar Angelo Vella tat-22 ta' Dicembru 1980 u ghalhekk ma hemmx lok li terga' ssir likwidazzjoni u divizjoni tal-istess assi u l-esponenti ghandhom jigu liberati minn dawn l-erba' talbiet bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li pprovokawhom inutilment.

Dwar it-talbiet l-ohra, l-esponenti mhumiex kontra li ssir id-divizjoni tal-wirt ta' Antonia Fenech u li l-atturi u anki l-istess eccipjenti Mary Bezzina jiehdu il-legittima li haqqhom skond il-ligi, u ghalhekk qed jirrimettu ruhhom ghal gudizzju ta' din il-Qorti fir-rigward.

Rat id-dokument anness.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 1992 fejn ħatret lill-AIC Rene Buttigieg bħala perit tekniku.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 15 ta' Frar 1993 fejn ħatret lill-Avukat Dottor Philip Manduca bħala perit legali sabiex jassisti lill-perit tekniku.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2006 fejn ħatret lill-AIC Joseph Ellul Vincenti bħala perit tekniku in sostituzzjoni tal-Perit Rene Buttigieg.

Rat il-verbali tax- xhiedha li nstemgħu quddiem il-periti.

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti, dik tal-perit legal (fol. 302 sa 319) li kienet maħlufa fl-4 ta' Diċembru 2007 waqt li dik tal-perit tekniku (fol. 331 sa 343) li kienet maħlufa fis-27 ta' Frar 2008.

Rat id-domandi li saru bil-miktub mill-partijiet għall-eskussjoni tal-periti ġudizzjarji.

Rat ir-risposti bil-miktub tal-periti ġudizzjarju għad-domandi tal-atturi.

Rat il-verbali tal-assistenti ġudizzjarji maħtura sabiex jismgħu r-risposti għad-domandi tal-konvenuti u rat it-tweġibiet għal dawn id-domandi.

Rat illi minkejja li kemm l-atturi kif ukoll l-konvenuti għamlu talba għall-ħatra ta' periti perizjuri huma rtiraw din it-talba fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu likwidati u diviżi dawk l-assi ta' missierhom Francis Fenech li għadhom ma ġewx diviżi bejn il-partijiet u għal dan il-għan talbu li tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-ġenituri tagħhom, filwaqt illi fit-tieni lok l-atturi qegħdin jitolbu li titħallas lilhom il-leġittima li hija spettanti lilhom mill-eredità ta' ommhom Antonia Fenech.

Illi kif sejjer jiġi spjegat 'il quddiem, din il-Qorti sejra tiżen kull ma tqiegħed għall-konsiderazzjoni tagħha mill-periti ġudizzjarji u fuq l-aħjar ġudizzju tagħha hija sejra tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi.

Il-Qorti tibda billi tikkunsidra t-talbiet illi għandhom x'jaqsmu mal-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn Francis u Antonia Fenech.

Illi jirrizulta illi t-testment li jirregola l-wirt ta' Francis Fenech li miet fid-19 ta' Diċembru 1970 huwa dak tal-5 ta' Awwissu 1966. Dan kien testment unica carta li permezz tiegħu l-ġenituri tal-partijiet istitwew bħala eredi universali tagħhom fi kwoti indaqs u indiviżament bejniethom lil uliedhom l-atturi Joseph Fenech u Lawrence Fenech u lill-konvenuti Mary Bezzina u Victor Fenech. Lil binthom l-attriċi Teresa Fenech ħallew biss il-leġittima spettanti lilha skont il-liġi.

Illi jirriżulta li permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Angelo Vella tat-22 ta' Diċembru 1980, saret diviżjoni tal-assi immobbli li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ġià eżistenti bejn Antonia u Francis Fenech. Permezz ta' din id-divizjoni ġew assenjati assi immobbli lill-partijiet fil-kawża kif ukoll lil ommhom Antonia Fenech. Il-komparenti kollha qablu li Teresa Fenech għandha tieħu sehem minn din id-diviżjoni daqs li kieku hija wkoll ġiet nominata ma ħutha l-oħra bħala eredi universali ta' missierhom Francis Fenech.

Illi l-konvenuti jsostnu li għaldaqstant l-ewwel erba' talbiet attriċi saru inutilment għaliex id-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Francis Fenech, missier il-kontendenti, diġà seħħet għas-saldu tal-pretensjonijiet ta' kullħadd permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni imsemmi.

Illi l-perit legali jissottometti f'dan ir-rigward illi permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni imsemmi, il-komparenti kienu ddikjaraw li huma jipposjedu fil-kwoti speċifikati bejniethom l-immobbli deskritti fl-istess kuntratt u ġià formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Francis u Antonia Fenech. Jirriżulta mill-provi prodotti però li qatt ma ġew diviżi l-assi mobbli li kienu jappartjenu lill-ġenituri tal-partijiet u għaldaqstant il-perit legali jikkonkludi illi għalhekk l-ewwel tlett talbiet attriċi ma sarux għalxejn in kwantu li huma ġustifikati limitatament għall-assi mobbli ta' Francis Fenech. Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali dwar dawn il-mobbli. Il-perit

legali jkompli billi jgħid illi għandu jsir bejgħ ta' nofs l-għamara imsemmija fid-denunzja tal-assi ta' Francis Fenech u r-rikavat għandu jiġi maqsum f'ħames porzjonijiet ugwali u dan għaliex il-partijiet kienu qablu fil-kuntratt ta' diviżjoni msemmi li Teresa Fenech għandha tieħu sehemha daqs li kieku hija wkoll ġiet nominata ma ħutha l-oħra. Il-Qorti taqbel u ser taddotta l-konklużjonijiet tal-perit legali għal dak li għandu x'jaqsam mas-sehem illi għandu jmiss lill-attriċi Teresa Fenech iżda fir-rigward tal-għamara li għandhom jinbiegħu l-Qorti ser tillimita ruħha ghal dawk illi ġew ivvalutati bil-ġurament tiegħu mill-Perit Tekniku Kenneth Vassallo (fol. 431 tal-proċess) li ġie maħtur għal dan il-għan in kwantu li l-prova dwar liema għamara għadha teżisti hija ferm konfliġġenti u tenut kont tat-trapass taż-żmien fil-fehma tal-Qorti din il-likwidazzjoni għandha tkun limitata għall-assi mobbli msemmija a fol. 431 tal-proċess.

Illi matul is-smiegħ tal-kawża jissemmew mill-partijiet diversi debiti tal-assi konsistenti fil-biċċa l-kbira f'self ta' flus li l-atturi jissottomettu li tħallsu qabel il-mewt ta' Francis Fenech u għaldaqstant mhumiex rilevanti. Il-perit legali qabel ma din is-sottomissjoni. Il-Qorti però tinnota li fit-tweġibiet tiegħu għad-domandi in eskussjoni li saru lilu mill-abbli rappreżentant legali tal-konvenuti (fol. 385 sa 386 u 392 sa 393 tal-proċess), il-perit legali jaqbel illi permezz tal- kostituzzjoni ta' debitu datata 6 ta' Marzu 1963, kopja ta liema li tinsab a fol. 481 tal-proċess, Francis Fenech ddikjara li huwa debitur ta' ibnu l-konvenut Victor Fenech fl-ammont ta' LM1000, llum €2329.37. In kwantu li dan id-dejn kien jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti, nofs dan l-ammont għandu jiġi kkunsidratt bħala dejn tal-assi rimanenti ta' Francis Fenech u n-nofs l-ieħor għandu jiġi kkunsidrat aktar 'l quddiem meta tiġi kkunsidrata l-leġittima spettanti lill-partijiet mill-eredità ta' Antonia Fenech.

Il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tqis assi ereditarji ta' Antonia Fenech u sehem riżervat spettanti lill-partijiet. Jirriżulta li l-eredità ta' Antonia Fenech li mietet fit-8 ta' Novembru 1983 hija regolata mit-testment tagħha tal-24 ta' Jannar 1983 (fol. 5 tal-proċess) li permezz tiegħu it-testatriċi ħalliet b'titolu ta' legat lill-attur Joseph Fenech il-fond 96, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, u nnominat lill-konvenut Victor Grech bħala

eredi unversali filwaqt li ordnat illi uliedha l-oħra jingħataw il-leġittima spettanti lilhom skont il-liġi.

Favur l-ulied ta' testatur hemm riżervata l-hekk imsejha leġittima (illum imsejħa porzjoni rizervata), li għandha tiġi kkalkulata fuq l-assi kollha tad-decujus, mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni l-legati imħollija f'testment, biex l-ulied ikollhom dritt jipperċepixxu din il-leġittima, jekk ikunu maħtura eredi, jridu jirrinunzjaw għat-testment u jitolbu l-leġittima. Ulied li jridu jżommu l-istatus ta' eredi, ma jistgħux jitolbu l-leġittima, peress li din hi riżervata biss għal dawk li mhumiex eredi iżda li, fil-fehma tal-leġislatur, jimmeritaw porzjoni mill-assi tad-decujus. L-eredi jkompli l-personalità ġuridika tad-decujus, u, 'lkoll flimkien, jilbsu ż-żarbun tal-mejjet. Bħala tali, huma marbuta li jonoraw u jsegwu dak kollu li għamel id-decujus, inkluż li jirrispettaw id-dispozizzjonijeit testamentarji minnu magħmula (Azzopardi Victor et vs Azzopardi John et, deċiża fit-2 ta' Novembru 2006).

Is-sehem tal-leġittima f'dan il-każ huwa ta' nofs (1/2) tal-valur tal-beni tad-decujus u dan peress illi f'dan il-każ l-ulied huma ħamsa. Għalhekk jispetta lill-atturi u lill-konvenuta Mary Bezzina porzjon ta' kwint (1/5) min nofs (1/2) u ċioè wieħed minn għaxra (1/10) tal-assi ereditarji ta' ommhom skont l-artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi dwar l-assi ereditarji ta' Antonia Fenech, u dwar il-leġittima spettanti lill-partijiet kollha ħlief Victor Fenech li huwa l-eredi t'ommu, il-perit legali jibda billi jagħmel riferenza għall-artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili iżda jirriżulta li dan l-artikolu japplika għas-sitwazzjonijiet fejn id-disposizzjonijiet ta' testment jaqbżu s-sehem illi testatur seta' jiddisponi minnu. Billi fil-każ illi għandha quddiemha l-Qorti jidher illi dan mhuwiex il-każ, il-Qorti qiegħda tagħmel riferenza għall-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili li qabel l-emendi tal-2004 kien jipprovdi kif ġej:

> *"620. (1) Il-leġittima għandha tingħata fi proprjetà sħiħa, u testatur ma jista' jgħabbiha b'ebda piż jew kondizzjoni.*
> *(2) Il-leġittima tinqies fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun ta' l-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*

*(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.*
*(4) Dak li jmissu l-leġittima għandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938."*

Illi fir-rigward tad-donazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati skont l-artikolu 620(2), il-perit legali jikkonkludi li l-art li ngħatat b'donazzjoni lill-konvenuta Mary Bezzina m'għandhiex tiġi kkunsidrata in kwantu li din ngħatat lilha b'ċens. Il-Qorti tikkondividi din il-fehma tal-perit legali u għaldaqstant din il-proprjetà mhijiex ser tiġi kkunsidrata.

Madanakollu, fir-rigward tal-porzjon art li nbiegħet minn Antonia Fenech lill-konvenut Victor Grech, minkejja li l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali li din għandha tiġi kkunsidrata bħala art u mhux garaxx kif qiegħdin jgħidu l-atturi in kwantu li fil-kuntratt imsemmi hija deskritta bħala art, jirriżulta li din l-art hija l-istess art assenjata lill-Antonia Fenech fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-1980. Dan jirriżulta ampjament mill-kuntratt li jinsab a fol. 476 tal-proċess. In kwantu li jirriżulta li din inbiegħet lill-konvenut, mgħandiex tiġi kkunsidrata għall-finijiet ta' komputazzjoni tal-leġittima spettanti lill-partijiet. Madankollu il-perit tekniku jsostni (a fol. 405 tal-proċess) li l-art illi jagħmel riferenza għaliha hu fir-rapport tiegħu mhijiex dik illi fuqha hemm mibni l-garaxx tal-konvenut u għaldaqstant il-Qorti ser tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku u tqis din l-art indikata mill-perit tekniku bħala parti mill-assi ereditarji ta' Antonia Fenech.

Illi jirriżulta wkoll illi kemm il-perit legali kif ukoll il-perit tekniku qiesu li kien jappartjeni lill-Antonia Fenech nofs il-garaxx bin-numru 8, Gafà Street, Mosta. Infatti din il-proprjetà hija hekk indikata fid-denunzja ta' Antonia Fenech. In vista tal-fatt illi jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet kif ukoll il-periti ġudizzjarji (ara fol. 379 sa 381 tal-proċess) li din il-proprjetà ma kellix tiġi kkunsidrata għall-finijiet ta' komputazzjoni tal-

leġittima, din il-proprjetà mhux ser tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti.

Il-perit legali, wara li għamel riferenza għas-sentenza Azzopardi Victor et vs Azzopardi John et suċitata, ikkonkluda li l-valur li għandu jingħata lill-assi ereditarji ta' Antonia Fenech għandu jkun dak tas-sena tal-mewt tat-testatur u fil-fatt il-perit legali vvaluta l-proprjetajiet surriferiti kemm kienu jiswew fis-sena 1983. Ma jirriżultax illi l-partijiet ikkontestaw din il-konklużjoni tal-perit legali u għaldaqstant il-Qorti ser tapplika dan il-valur sabiex tiġi stabbilita l-leġittima.

Illi għalhekk jirriżulta mill-provi prodotti u mit-tweġibiet in eskussjoni tal-periti ġudizzjari li l-assi immobbli ta' Antonia Fenech li fuqhom trid tiġi komputata l-leġittima huma s-segwenti:

i. Id-dar bl-isem Antoinette, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta li ġiet assenjata lilha permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Angelo Vella surriferit u stmata mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm80,000;
ii. Porzjon diviża ta' art formanti parti minn ġiardina annessa u retropost għall-Antoinette House, tal-kejl ta' ċirka 124 metri kwadri kif deskritta fir-rapport tal-perit tekniku u stmata mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm5000;
iii. Il-garaxx numru 6, Gafà Street, Mosta assenjat lilha permezz tad-diviżjoni surriferita, stmat mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm8000;
iv. 96, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta liema proprjetà tħalliet mit-testatriċi b'titolu ta' legat lill-attur Joseph Fenech skont l-aħħar testment ta' Antonia Fenech hawn surriferit, stmata mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm8000.

Illi b'riferenza għar-relazzjoni tal-perit tekniku AIC Joseph Ellul Vincenti, il-Qorti tinnota li huwa kien ivvaluta l-proprjetajiet illi skont ir-relazzjoni tal-perit legali kellhom jiġu kkunsidrati għal finijiet ta' komputazzjoni tal-leġittima. Huwa vvaluta dawn il-proprjetajiet fl-ammont ta' Lm102,500. Huwa kkonkluda fir-rapport tiegħu a fol. 331 et seq. tal-proċess illi l-leġittima spettanti lill-partijiet kienet fl-ammont ta' Lm10,250 u dan wara spjega li l-valutazzjonijiet tal-assi ta' Antonia Fenech

huma dawk tas-sena 1983 u ċioè meta mietet Antonia Fenech skont ma kkonkluda l-perit legali fir-rapport tiegħu. Peress illi l-atturi wrew xewqa li jiġi assenjat il-porzjon spettanti lilhom fi proprjeta u mhux fi flus, il-perit tekniku identifika biċċa art li fuqha hemm mibnija d-dar 'Antoinette'. Din l-art hija mmarkata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok JEV/A a fol. 354 tal-proċess. Il-perit tekniku wasal għal din il-konklużjoni wara li kkonkluda li mill-leġittima spettanti lill-atturi għandu jitnaqqas il-valur tal-legat mħolli lill-attur Joseph Fenech u ċioè l-proprjetà 96, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta. Il-perit tekniku vvaluta din l-art illi kellha tiġi assenjatha lilhom fl-ammont ta' Lm22,750.

Madanakollu, jirriżulta li minkejja li waqt illi kienu qiegħdin iwieġbu għad-domandi in eskussjoni li sarulhom mill-abbli rappreżentant legali tal-konvenuti, l-periti legali kkonfermaw illi l-leġittima trid terġa tiġi kkalkulata in vista tal-fatt illi ġiet ikkunsidrata proprjetà li ma kelliex tiġi kkunsidrata (ara fol. 383 tal-proċess), ebda parti fil-kawża ma talbet illi terġa ssir din il-valutazzjoni.

Wara li studjat bir-reqqa l-provi miġjuba, l-konklużjonijiet tal-periti legali u l-emendi li dwarhom qablu l-partijiet, il-Qorti tikkonkludi li mir-rapport tal-perit tekniku għandu jitnaqqas biss il-konsiderazzjoni li saret għall-nofs garaxx 8, Gafà Street, Mosta u dan wara qbil f'dan is-sens bejn il-partijiet kif ingħad aktar 'il fuq.

Illi fir-rigward ta' dak li jisottomettu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħhom illi l-attriċi kellha titħallas is-sehem tagħha fi flus u mhux fi proprjetà, u dan skont it-testment unica carta tal-5 ta' Awwissu 1966, il-Qorti hija tal-fehma li dan kien japplika kieku l-proprjetà immobbli li qiegħda tiġi kkunsidrata f'din l-azzjoni kienet tappartjeni lil Francis Fenech. In vista tal-fatt illi l-wirt ta' Antonia Fenech huwa regolat bit-testment susegwenti tagħha u ċioè dak tal-24 ta' Jannar 1983, fejn ma hemm ebda indikazzjoni li Teresa Fenech kellha titħallas fi flus u mhux fi proprjetà l-argument tagħhom ma jistax jigi kkunsidrat.

B'riferenza għad-djun li jridu jiġu mnaqqsa, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tikkondividix il-konklużjoni tal-perit legali dwar l-ispejjeż tal-funeral in kwantu li l-artikolu 620 surreferit huwa ċar illi l-ispejjeż tal-funeral għandhom jiġu mnaqqsa qabel tiġi kkomputata l-leġittima. Fir-rigward tal-kostituzzjoni ta' debitu li permezz tiegħu Francis Fenech ikkostitwixxa ruħu debitur fil-konfront tal-konvenut Victor Fenech din il-Qorti ssib illi għandu jitnaqqas mill-komputazzjoni tal-leġittima nofs dan l-ammont u ċioe l-ammont ta' Lm500, illum €1164,69 in kwantu li l-ammont kumplessiv kien jorbot il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet. Illi fl-aħħar lok u b'riferenza għall-bejgħ tax-xarabank mill-partijiet kollha u minn Antonia Fenech, ad eskluzjoni ta' Teresa Fenech, lill-konvenut Victor Fenech, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li Teresa Fenech għandha titħallas ta' sehemha, iżda in vista tal-fatt illi din ix-xarabank inbiegħet meta kienet għadha ħajja Antonia Fenech, huwa dovut lill-Teresa Fenech biss kwint (1/5) tan-nofs (1/2) tal-ammont illi rċevew ħutha u ommha u ċioè wieħed minn għaxra (1/10) peress illi dan kien is-sehem tagħha mill-eredità ta' Francis Fenech. Dan is-sehem kellu jitħallas min ħutha l-atturi u l-konvenuta Mary Bezzina in kwantu jirriżulta li huma rċevew dawn il-flus ad eskluzjoni tal-attriċi. Għaldaqstant, kwalunkwe ammont dovut lill-attriċi m'għandux jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-azzjoni odjerna.

Illi fir-rigward tal-mobbli din il-Qorti terġa tagħmel riferenza għall-dawk il-mobbli indikati a fol. 431 tal-proċess. Nofs il-valur ta' dawn il-mobbli għandu jiġi kkunsidrat għal finijiet ta' komputazzjoni tal-leġittima spettanti lill-partijiet.

Illi l-perit legali jsemmi wkoll *defence bonds* kif ukoll li mis-sehem tal-attur Lawrence Fenech għandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm134. Il-Qorti tosserva li l-proċess huwa nieqes minn numru ta' dokumenti senjatament id-dokumenti kollha li ġew preżentati mill-partijiet fis-seduti li saru quddiem il-periti ġudizzjarji. In vista ta' dan ġew preżentati numru ta' dokumenti mill-konvenuti permezz ta nota fl-atti fis-27 ta' Novembru 2013 (fol. 452 et seq. tal-proċess). Peress illi ma ġew preżentati ebda dokumenti relatati mad-*defence bonds* msemmija u lanqas fir-rigward tal-ammont li għandu jitnaqqas

mis-sehem ta' Lawrence Fenech, il-Qorti mhux ser tadotta dawn iż-żewġ konklużjonijiet tal-perit legali.

Ghalhekk fir-rigward tal-ewwel talba attriċi l-Qorti qiegħda tqis li l-beni li kienu għadhom jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn Francis u Antonia Fenech jikkonsistu fl-għamara indikata a fol. 431 tal-proċess kif ivvalutati fl-ammont ta' €2250.

Illi dan l-ammont għandu jinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali. Sehem għandu jiġi attribwit lill-assi partikolari ta' Francis Fenech u l-ieħor lill-assi partikolari ta' Antonia Fenech.

Illi jirriżulta li Victor Fenech kien kreditur tal-wirt ta' missieru fl-ammont ta' LM500, llum €1165 u għaldaqstant għandu jitħallas 4/5 ta' dan l-ammont u ċioè €932 mill-assi rimanenti ta' Francis Fenech.

Illi l-assi partikolari immobbli ta' Antonia Fenech msemmija aktar 'l fuq (ad eskluzjoni tal-proprjetà 'nofs garaxx 8', Gafà Street, Mosta) ġew stmati mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm101,000, illum €235,267 fis-sena 1983. Ma dan l-ammont għandu jiżdied l-valur ta' nofs l-għamara indikati a fol. 431 (€1125). Għalhekk l-ammont kumplessiv huwa ta' €236,392. Iżda għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż tal-funeral ta' Antonia Fenech (€545) kif ukoll l-ammont ta' €1165 kompriżi dejn illi kellu s-sehem ta' Antonia Fenech tal-kommunjoni tal-akkwisti mal-konvenut Victor Fenech. Għaldaqstant il-leġittima spettanti lill-atturi u lill-konvenuta Mary Bezzina f'isimha proprju għandu jigi kalkolat fuq l-ammont ta' €234,682 u l-leġittima dovuta lill-leġittimarji hija fl-ammont ta' €23,468.

In kwantu li din il-kawża inbdiet qabel ma daħlu l-emendi tas-sena 2004 il-leġittima tista' tingħata wkoll permezz ta' assenjazzjoni ta' sehem mill-ġid ta' Antonia Fenech (ara artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili qabl ma ġie sostitwit fis-sena 2004).

Kif diġà intqal, il-perit tekniku vvaluta l-art mmarkata bl-aħmar fuq Dok JEV/A a fol. 354 tal-proċess fl-ammont ta' Lm22,750 llum €52,993. Minkejja li l-partijiet għamlu domandi in

eskussjoni lill-perit tekniku dwar il-konklużjoni tiegħu li l-atturi għandhom jingħataw din l-art bħala l-leġittima spettanti lilhom, ma jirriżultax illi oġġezzjonaw għal din il-konklużjoni wara li l-periti ġudizzjarju spjegaw illi huma kkonkludew illi l-atturi għandhom jingħataw din l-art in vista tal-fatt illi fil-mori tal-kawża huma ddikjaraw illi kienu lesti jaċċettaw biċċa art in komun. Il-perit tekniku kkonferma wkoll illi din l-art ma tistax tiġi diviża fi tlett porzjonijiet. Għaldaqstant u tenut kont ukoll illi l-partijiet irtiraw it-talba tagħhom għall-periti perizjuri, il-Qorti sejra taddotta din il-konklużjoni tal-periti ġudizzjarji.

Il-legat mħolli lill-attur Joseph Fenech ġie stmat mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm8000, illum €18,635.

Għaldaqstant u riferibbilment għas-sitt talba attriċi il-Qorti qiegħda tordna li l-atturi jiġu assenjati l-proprjeta mmarkata bl-aħmar fuq Dok JEV/A a fol. 354 bħala s-sehem riżervat (leġittima) spettanti lilhom mill-eredita` t'ommhom Antonia Fenech.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-ġid rimanenti tal-komunjoni tal-akkwisti ġià eżistenti bejn Francis u Antonia Fenech kien jikkonsisti fl-għamara indikata a fol. 431 tal-proċess kif likwidati fl-ammont ta' €2250;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara li l-ammont hekk likwidat għandu jinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali. Wieħed għandu jiġi assenjat lill-assi partikolari ta' Francis Fenech u l-ieħor għandu jiġi assenjat lill-assi partikolari ta' Antonia Fenech;

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida dawn il-beni fl-ammont ta' €1125;

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament in kwantu li tordna l-bejgħ tal-mobbli indikati a fol. 431 u mir-rikavat mill-bejgħ tal-mobbli li jaghmlu parti mill-assi ereditarji ta' Francis Fenech l-ammont ta' €932 għandu jitħallas lill-konvenuta Mary Bezzina bħala eredi tal-konvenut Victor

Fenech għas-saldu ta' dak li kien dovut lil Victor Fenech skont il-kostituzzjoni ta' debitu a fol. 481 tal-proċess mill-eredità ta' Francis Fenech. F'każ illi mill-bejgħ jirriżulta rikavat ta' aktar minn dan l-ammont, dan għandu jinqasam f'ħames isħma u jitħallas kwint lill-atturi kull wieħed u tnejn minn ħamsa (2/5) lill-konvenuta u dan dejjem sal-limitu tal-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet tappartjeni lill-Francis Fenech;

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u tiddikjara li l-assi partikolari ta' Antonia Fenech jikkonsistu f' nofs indiviż tal-mobbli a fol. 431 tal-proċess u s-segwenti immobbli:

   i. Id-dar bl-isem Antoinette, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta li ġiet assenjata lilha permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Angelo Vella surriferit;
   ii. Porzjon diviża ta' art formanti parti minn ġiardina annessa u retropost għall-Antoinette House, tal-kejl ta' ċirka 124 metri kwadri kif deskritta fir-rapport tal-perit tekniku;
   iii. Il-garaxx numru 6, Gafà Street, Mosta, assenjat lilha permezz tad-diviżjoni surriferita;
   iv. 96, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta liema proprjetà tħalliet mit-testatriċi b'titolu ta' legat lill-attur Joseph Fenech skont l-aħħar testment ta' Antonia Fenech hawn surriferit;

6. Tilqa' s-sitt talba attriċi u filwaqt illi tiddikjara illi l-leġittima spettanti lill-konvenuta Mary Bezzina tammonta għal €23,468, tordna l-assenjazzjoni lill-atturi l-proprjetà mmarkata bl-aħmar fuq Dok JEV/A a fol. 354 tal-proċess bħala s-sehem riżervat (leġittima) spettanti lilhom mill-eredità ta' ommhom Antonia Fenech;

7. Tilqa s-seba' talba attriċi billi tordna li wara li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lill-attur Joseph Fenech u tiġi assenjata l-proprjetà msemmija lill-atturi kif hawn fuq spjegat, l-eredità ta' Antonia Fenech għandha tiġi assenjata lill-konvenuta Mary Bezzina bħala l-unika eredi ta' Victor Fenech;

8. Tilqa’ t-tmien talba attriċi u tinnomina lin-Nutar Sean Critien sabiex jippublika l-att relattiv tal-qasma u ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat mħolli lill-attur Joseph Fenech u lill-Avukat Dottor Rachael Bonello bħala kuratur sabiex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att. Il-kuntratt għandu jiġi pubblikat nhar il-Gimgha, 15 ta’ Lulju 2016, fil-bini tal-Qorti, Valletta.

Spejjeż jitħallsu mill-partijiet kollha fi kwoti indaqs bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG